# KENNIES

Narah kull nhar ta' Ħadd bil-għodda f'idu
jiknes it-triq mill-ħmieġ li hemm jinġabar,
raġel dwar il-ħamsin, ġwejjed u sieber
fil-ħidma tiegħu.

Jiknes u jarġa' jiknes, għax egħdewwa
għandu r-riħ u l-itfal u l-annimali;
iżda tnehida ma toħroġx minn fommu
li tfisser lewma.

Fil-ħin wiċċha daħkan, il-lbies xammiema,
tgħaddi n-nies 'lhawn jew 'lhinn bil-pass imgħaġġel,
min jitħaddet xi frugħa u min jitbissem;
'mma ħadd ma jħares.

U jien narah xi waqt lil dan il-ġwejjed
bil-mod iqiegħed ma' xi ħajt il-għodda,
jorbot dirgħajh fuq sidru u b'ħarstu ħiemda
fuq l-art imsammra,

jieqaf fil-ġenb tat-triq miġbur fi ħsiebu,
donnu xbieha tan-niket: ġewwa sidri
qalbi tingħasar u rrid kieku nobsor
x'għaddej minn moħħu:

u nistħajjel fil-bogħ'd bħal dwejra fqajra
fejn mara twajba u xi xbejbiet madwarha
qegħdin medhija jistennew is-siegħa
li jaraw dieħel

lil dak il-ġwejjed li biex jgħajjex lilhom
jinfired minnhom NHAR TA' ĦADD, u jnaddaf
it-triqat, biex oħrajn jgħaddu minn fuqhom
hienja ma' wliedhom.

Dun Karm.

Wara nofs-in-nhar
tal-Ħadd, 5—XI—39.

# L-aħħar nisel ta' l-Abenserraġi.

*Ben-Ħamet jew l-aħħar nisel tal-Benserraġi hi ġrajja miktuba mill-kittieb franċiż* François René de Chateaubriand, *magħruf għal kitba tiegħu immortali bħal ma hi* l-Genie du Christianisme, les Martyrs, eċċ. *Din hi ġrajja ta' żagħżugħ għarbi, nisel dawk il-Mori li ġew mirbuħa u mkeċċija minn Spanja u mibgħuta lura lejn ix-xtut ta' l-Affrika. Ben-Ħamet ried jitħallas minn min kien qered lil niesu u għal dil-ħaġa raġa' lejn Spanja. Ġara li, bla ma jaf, iltaqa' u ħabb lil bint min kien mar hemmhekk biex jitħallas minnu; iżda l-imġiba ta' dawn in-nies rebħitu u raġa' ħiemed lejn pajjiżu. Inġibu hawn xi bċejjeċ maqluba kelma b'kelma minn din il-ġrajja.* [S]

Imbarka mill-bħajra ta' Tunes; riħ tajjeb wasslu Kartaġni; niżel mill-mirkeb u dikment qabad it-trieq ta' Granada: għadda bħala tabib għarbi li ġie jfittex il-ħxejjex qalb l-iġbla ta' Serra Nevada. Bagħala ġwejda wasslitu bil-lajma l-lajma lejn il-pajjiż fejn l-Abenserraġi, darba, kienu jtiru fuq żwiemel gwerriera: kellu gwida miexi quddiemu, jiġbed urajh żewġ bgħula oħra kollha ġlieġel u freneż tas-suf ta' l-ilwien kollha. Ben-Ħamet qasam il-mogħxiet kbar u l-boskijiet tal-palm tas-saltna ta' Murċja; mill-kobor ta' dawn is-siġar, ra li bil-fors kienu mħawla minn missirijietu, u qalbu mtliet bil-ħasra. Hemm wieqaf torri fejn il-għases kienu jishru fi żmien il-gwerer tal-Mori ma' l-Insara; hawn tidher ħerba li mit-tifsil tal-ġebel tagħha turi nisel moresk; ħaġ'oħra ta' qsim il-qalb għall-Abenserraġ! Niżel minn fuq il-bagħla, u, għal taparsi jfittex il-ħxejjex, inħeba għal ftit qalb dan il-fdal biex jagħtiha għall-biki. Qabad, imbagħad, mill-ġdid it-trieq, joħlom, mal-ħsejjes tal-ġnieġel tal-karwana, u mal-għana ta' swied il-qalb tal-gwida tiegħu. Dan ma kienx jieqaf mill-għanja twila tiegħu jekk mhux biex iħeġġeġ il-bgħula tiegħu jsejħilhom *sbieħ* u *qalbiena* jew, biex iċanfarhom, isejħilhom *għażżiena* u *rjus iebsa......*

Xħin Ben-Ħamet lemaħ il-quċċata ta' l-ewwel bini ta' Granada, qalbu bdiet tħabbat hekk bil-qawwi li kellu jwaqqaf il-bagħla. Sallab idejh fuq sidru, u, b'għajnejh imsammra fuq il-belt imqaddsa, baqa' ħiemed bla ma jitħarrek.

Il-gwida waqaf huwa wkoll, u, billi l-Ispanjol malajr jifhem kull tqanqila għolja tal-qalb, qalbu dehret li ħas-